MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Numru 356/1997

**Il-Pulizija**
**(Sp. Pierre Micallef Grimaud)**

**v**

**Mario Attard ta' 45 sena bin il-mejjet Anthony u Sofia nee Caruana, imwieled Haz-Zabbar, fid-29 ta' April, 1952 u joqghod Nru. 2, Claire Flats, Triq Furtu Selvatico, San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 379952 M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Mario Attard li gie akkuzat talli fil-21 ta' Gunju, 1997 bejn it-3.30 p.m. u l-4.15 p.m. gewwa San Giljan, volontarjament hassar,

ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi b'xi oggett iebes, barax vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAC-709, ta' ghamla Skoda Forman, ghad-detriment ta' mario Vella Laurenti minn San Giljan, liema hsara ma tiskorrix hames mitt lira Maltin izda hija aktar minn hamsin lira Maltin, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 (b) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li biha ntbaghtet din il-kawza jintwera l-video, jingiebu l-provi tad-difiza u jsiru d-debitu kontro ezamijiet u trattazzjoni finali. Ghajr ghal fatt li dawn ma sarux kif gie suggerit f'seduta wahda, dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell gew kollha segwiti.

Mill-ezami tal-atti din il-Qorti tista' facilment tiddikjara illi hija tinsab konvinta mis-segwenti fatti ;
Illi hija taderixxi kompletament mall-konkluzjoni ta' l-espert Martin Bajada illi l-video esebit huwa ghal kollox validu u li ma sofra ebda editing u li fedelment jipprezenta dawk is-sekwenzi kif sehhew. Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx ma' dak suggerit mill-akkuzat fix-xhieda tieghu li dana il-video b'xi mod gie mbaghbas.

Taqbel ukoll din il-Qorti mas-sekwenzi murija fuq il-video kif ben deskritti mill-espert Bajada inkluz il-fatt li hemm hoss akkompanjanti mal-mixja tal-persuna li hemm tidher hi u ghaddejja anke baxxuta vicin il-vettura in kwistjoni. Dan jidher anke b'mod car (dak vizwali) mill-istills mahruga mis-Sur Martin Bajada fuq ordni ta' din il-Qorti.

Tinnota wkoll il-Qorti li fil-fatt fix-xhieda tieghu l-istess akkuzat ammettta illi dik il-persuna li tidher fil-video in kwistjoni hu hu. Fil-fatt b'dan ikkonferma hu stess fuq mistoqsija tal-Qorti. Fil-fatt kien matul din ix-xhieda illi l-akkuzat avvanza t-tezi illi ghalkemm dik il-persuna li tidher fil-video kien hu pero' dak kien f'gurnata ohra mhux dak allegat fl-akkuza anzi qal li f'dik il-gurnata cioe fil-21 ta' Gunju, 1997, huwa bejn nofs in-nhar u t-tmienja ta' fil-

ghaxija kien qed jaqla' l-ariel tar-radio ta' l-Alternattiva Demokratika fi Triq il-Forn il-Belt. Qal li fil-fatt li l-guranata tal-filmat kien il-gimgha u r-raguni ghala hu kien hemm kien ghax mar ipoggi l-pjanci fil-karozza  tieghu li kienet ipparkjata metru l'boghod mill-karozza li tidher fil-video. Ghalhekk ikkonferma li ghajr ghal dawn il-pjanci hu ma kellu xejn aktar f'idejh.  Innega li hu ghamel xi barxa fil-vettura ta' Vella Laurenti.

Taghmilha wkoll cara din il-Qorti li hija wkoll konvinta minn dak li rat fil-video illi dik il-persuna li hemm tidher fil-fatt li tbaxxiet u bil-hoss car tal-grif akkompanjanti kellha zgur kuntatt mal-vetttura. Ex admissis gia gie stabbilit illi l-persuna kienet l-akkuzat. Mix-xhieda ta' Vella Laurenti gie anke fil-fehma ta' din il-Qorti stabbilit l-ammont ta' dannu kkagunat lill-vettura tieghu kagun ta' din il-girfa. Terga' u tghid l-akkuzat anke ammetta li f'idu kellu wkoll pjanci ta' l-aluminium li ghalih pero' huma ta' materjal artab u ghalhekk mhux kapaci li jaghmlu grif.

Issa kif gia gie premess l-akkuzat ghalkemm innega li hu barax il-vettura ressaq zewg fatti ohra bhala difeza tieghu li l-video juri lilu fil-gurnata tal-gimgha u dana ghaliex is-Sibt hu kien f'post iehor gia msemmi. In sostenn tal-fatt li hu kien qieghed fil-gurnata tas-Sibt x'imkien iehor telgha jixhed certu John Mallia li kien kategoriku fuq il-fatt li fit-12 ta' Gunju, zgur li hu u l-akkuzat kienu gewwa l-Belt izarmaw ariel  pero' skond hu fi strada Zekka. Kien cert ukoll li dana damu jaghmluh sa xit-tmienja ta' fil-ghaxija u li l-akkuzat qatt ma ccaqlaq minn hdejh. Dan huwa baqa' jsostnieh nonostante l-fatt illi l-avukat tal-parte civile ghamel ampja referenza ghal dak li stqarr fl-istqarrija tieghu l-akkuzat xi ghoxrin gurnata wara l-allegat kaz u minn dana kollu ma qal xejn. Fil-fatt l-akkuzat imkien fl-istqarrija tieghu ma jsemmi dan iz-zarmar ta' ariel, lanqas jinnega li s-sibt ma kienx fil-vicinanzi tal-karozza ddanneggjata anzi jghid li kien qed jassumi li dak in-nhar ghamel kif jaghmel is-soltu u cioe pparkja hdejn ir-residenza tieghu. Anke hawn kien innega li huwa kien barax il-vettura ta' Vella Laurenti.

Mela din il-Qorti ghalhekk hija rinfaccata bi kwistjoni ta' kredibilita cioe' jekk temminx lill-akkuzat u l-alibi tieghu. Ghandu ragun l-avukat tal-parte civile li jtella' d-dubju li dina l-iskuza hija kongettura bejniethom in kwantu l-fatt ta' l-ariel issemmiet tant zmien wara l-allegat reat. Din il-kawza fil-fatt inbdiet fis-sena 1997 u l-akkuzat u John Mallia xehdu fil-25 ta' Lulju, 2003, ben hames snin u fuqhom wara. Vera wkoll il-fatt li a tempo vergine fl-istqarrija tieghu minn dana kollu l-akkuzat ma qal xejn. Li qal u rega' rrepetieh fix-xhieda tieghu li hu kien ilu msakkar f'cella ghal erbgha u ghoxrin siegha bla ikel u li hu kien mifxul u li kieku kellu aktar zmien jahseb kien jkun aktar preciz fil-konfront ta' dak li hu stqarr lill-Ufficjal Prosekutur.

Fattur iehor jinhtieg li jigi wkoll imfakkar fl-ezami ta' din il-kawza illi meta inghatat l-ewwel sentenza sussegwentement appellata u annullata, l-akkuzat ghal varji ragunijiet ma tellghax xhieda in difeza. Pero' rrizulta wkoll mix-xhieda tieghu illi John Mallia fil-fatt kien ingab biex jixhed mid-Difiza pero' l-Qorti kienet ghar-ragunijiet gia esposti fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, ghaddiet ghas-sentenza u dan ix-xhud baqa' ma nstemax. John Mallia fil-fatt fuq mistoqsija maghmula mill-Avukat Difensur xehed li hu kien gia ngab jixhed qabel u li l-Awla kienet dik li ddur hemm wara. Inftiehem dan li kien qed jaghmel referenza ghall-Awla tal-Magistrat Micallef Trigona.

Fattur iehor li din il-Qorti se tiehu konjizzjoni tieghu jirrizulta mir-rikors ta' l-Appell intavolta mill-Avukat Difensur, li ghalkemm fih innnifsu ma jistabilixxi ebda prova pero' huwa ndikattiv biex iwassal lil dina l-Qorti tivvaluta dik li hija l-verita'. Fid-deskrizzjoni tal-fatti fl-istess rikors fl-ewwel paragrafu l-avukat jikteb illi l-appellant cahad li hu kien responsabbli ghall-hsrara allegata ghaliex fil-jum, hin u lok imsemmi Mario Attard kien fl-ufficcju ta' l-Alternativa Demokratika l-Belt Valletta u dan flimkien ma' persuna ohra ibattlu l-ufficcju biex imorru go ufficju iehor.

Tippremetti l-Qorti li dana l-fatt hekk espost fir-rikors ta' l-Appell minn imkien ma kien harag jew gie stabbilit

quddiem il-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta pero' huwa punt validu li kien imsemmi ftit jiem wara l-ewwel sentenza. Dana huwa fattur importanti biss ghall-fatt li ebda xhieda in difeza ma ngabet ghar-ragunijiet imsemmija u ghalhekk din il-Qorti ma tistax teskludi l-fatt li tali Difiza kienet tingieb dak iz-zmien.

Stabbilit ukoll illi l-wiehed u ghoxrin ta' Gunju, tas-sena 1997, kien verament il-gurnata tas-Sibt, allura ghalkemm din il-Qorti hija ghal kollox konvinta mill-fatt li l-akkuzat kif jidher fil-video verament jidher li qieghed in kuntatt mall-vettura ta' Vella Laurenti, pero' jezisti bizzejjed dubju favur il-fatt li l-akkuzat kien verament f'post iehor dik il-gurnata ta' l-akkuza u in kwantu skond id-detto in dubbio pro reo allura tqis li l-akkuzi kontra Mario Attard ma gewx sufficjentemnet pruvati u qeghda tilliberah mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------